MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Numru. 617/2008

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR PRISCILLA CARUANA**
**KONTRA**

**JAMES DEMANUELE**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

James Demanuele, bin Felix u Rose nee' Camilleri, mwieled Pieta, nhar l- 4 ta'April 1974, residenti fil- fond 9, Schembri Flats, Triq San Edwardu, Birzebbuga u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 235374(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fl- 14 ta' Lulju 2008 ghall- habta tal- 10.30am gewwa Triq San Patrizju, f' Birzebbuga;

1) Bil- hsieb li jaghmel ferita ta' natura gravi fuq il- persuni ta' Elena Maria Felice u Josephine Felica, wera dan il- hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall- esekuzzjoni ta' dan id- delitt, meta saq fid- direzzjoni tal- istess persuni bil- vettura tal- ghamla Fiat Uno bin- numru tar- registrazzjoni BBE 624, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill- volonta tieghu;

2) Talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe vettura bin- numru tar- registrazzjoni HAS 198, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara jiskorri l- elf, mija u ergbha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69), imma jkun izjed minn mija u sittax- il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad- detriment ta' Elena Maria Felice;

3) Talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi saq l- istess vettura b'numru tar- registrazzjoni BBE 624 ta' ghamla Fiat Uno b'manjiera perikoluza, traskurata u bla kont;

4) U aktar talli fl- 14 ta' Lulju u fil- granet ta' qabel gab ruhu b'tali mod li kkaguna lil haddiehor biza li ser tintuza vjolenza meta huwa kien jaf jew missu kien jaf li b'taghli mgiebu tieghu se jikkaguna lil haddiehor biza;

5) U aktar talli matul l- ahhar xhur f'diversi mkejjen fil- Gzejjer Maltin, gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Elene Maria Felice u/ jew b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta fastidju ghall- imsemmija Elene Maria Felice;

6) Akkuzat ukoll talli fl- istes data, lok u hin kiser il- paci pubblika u l- bon ordni b'ghajjat, storbju jew mod iehor;

7) Ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded lil Elena Maria Felice jew jekk kien pprovokat, ingurjaha b'mod li johrog barra mill- limiti tal-provokazzjoni;

8) U fl- ahhar nett akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi tal- Qorti tal- Magistrati u tal-Appell Kriminali ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Fid-data, lok u hin indikati kien hemm incident stradali bejn l-imputat u l-parte civile, Elena Maria Felice, li tigi omm it-tifla tal-imputat. Il-vetturi misjuqa minnhom habtu f'xulxin, minghajr ebda konsegwenza serja bejniethom. Mil-provi prodotti l-Qorti hi konvinta li l-imputat deliberatament saq ghal fuq il-vettura ta' Felice, aktarx biex idejjaqha u jaqbad maghha. Dan qed jinghad peress illi mid-dinamika tal-incident, huwa car li l-vettura ta' Demanuele habtet fil-vettura l-ohra. Il-hsara fuq iz-zewg vetturi juri dan minghajr ekwivoku. X'setghet kienet l-intenzjoni tieghu huwa difficli li wiehed ikun jaf, izda l-Qorti ma tahsibx li kellu intenzjoni jaghmel offiza gravi fuq Felice, u dan ghal zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok, l-impatt mal-vettura ma kienx wiehed kbir, ghalhekk donnu l-imputat ma saqx b'velocita' biex iwegga' lil dak li jkun. Fit-tieni lok, l-imputat seta' hareg mill-vettura u pprova jaggredixxi lil Felice, haga li ma rrisultatx li saret. Ghalhekk l-ewwel imputazzjoni ma tirrisultax ippruvata.

Ma jistax jinghad l-istess ghall-imputazzjonijiet l-ohra, izda. Dawn kollha rrisultaw mill-provi prodotti, u l-imputat m'hu qed jaghmel xejn biex ibiddel l-imgieba ossessiva li

ghandu fil-konfront ta’ Felice. Xhieda ta’ din hija l-fedina penali tieghu, b’ kundanna wara l-ohra fuq reati simili fil-konfront dejjem ta’ Felice. Fic-cirkostanzi, il-Qorti sejra jkollha taghti piena ta’ prigunerija effettiva, jekk xejn biex isservi ta’ protezzjoni ghal Felice, ghax il-Qorti difficilment tara kif sentenza ohra ta’ prigunerija tista’ sservi ta’ deterrent f’dan il-kaz.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli

Din il- Qorti ma ssibx lil imsemmi imputat hati tal- ewwel (1) akkuza u ghaldaqstant tilliberah filwaqt li ssibu hati tat-tieni (2), t- tielet (3), ir- raba (4), il- hames (5), is- sitt (6), is- seba (7) u t-tmien (8) akkuzi u ghaldaqstant tikkundannah tmintax (18)- il xahar prigunerija.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------